# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 18 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 282/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alexis Josef Mizzi**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza preliminari taghha, tas-6 ta' Marzu, 2001, li tghid hekk:

"Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alexis Josef Mizzi talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' April, 1997 u fil-granet qabel din id-data (**1**) importa jew gieghel li tigi importata, jew ghamel xi haga sabiex tkun tista' tigi importata f'Malta, ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis bi ksur ta' l-Artikolu 15A tal-Kap. 101, u (**2**) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101; l-ewwel qorti kienet mitluba li barra milli taghti l-piena skond il-ligi, tordna l-hlas ta' l-ispejjez peritali skond l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

"Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Dicembru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Alexis Josef Mizzi hati skond iz-zewg imputazzjonijiet b'dan pero` li kemm l-importazzjoni kif ukoll il-pussess kienu ghall-uzu esklussiv tal-istess Mizzi, u kkundannatu tmien xhur prigunerija; dik il-qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga a kura ta' l-ispizjar Mario Mifsud li gie nominat minn dik il-qorti bhala espert ghal dana l-iskop;

"Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Alexis Josef Mizzi, minnu ppresentat fit-22 ta' Dicembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

"Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2001; ikkunsidrat:

"Dana l-appell hu limitat ghall-piena. Il-fatti huma, bazikament, illi l-appellant, meta kien l-Olanda, xtara tlett bicciet raza tal-*cannabis* u mill-Olanda stess impustahom ghal Malta, indirizzati ghalih innifsu. Huwa inqabad peress li l-pakkett ghadda mid-Dwana b'mod li l-ufficjali tal-posta galuh jiftah il-pakkett biex jaraw il-kontenut tieghu qabel ma jirrilaxxjaw l-istess pakkett.

"L-appellant jikkontendi li l-piena nflitta mill-ewwel qorti "mhijiex idonea fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, partikolarment dawk marbuta mal-persuna u l-karatturu" tieghu. Fir-rikors ta' l-appell, imbghad, huwa jidhol f'hafna dettalji dwar it-trobbija tieghu, l-isforzi li huwa ghamel biex isib xoghol, id-dizappunti li huwa kellu f'dana r-rigward, u dipressjoni li qabditu.

"Frankament dan kollu ma jimpressjona assolutament xejn lil din il-Qorti. Aktar, forsi, jimpressjonaha l-fatt li l-appellant, quddiem l-ewwel qorti, gideb bil-gurament – meta xehed fl-10 ta' Dicembru, 1998 – f'tentattiv (gustament deskritt bhala "fjakk" mill-ewwel qorti) biex jipprova jiskolpa ruhhu. Altru, mela, milli l-appellant huwa xi bniedem bla hazen ta' xejn li zbalja darba sforz il-karattru tieghu u c-cirkostanzi li sab ruhhu fihom, kif qed jipprova jaghti x'jifhem fir-rikors ta' l-appell.

"Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel qorti li, in vista tal-emendi fil-Kap. 101 introdotti bl-Att VI tas-sena 2000, il-piena ghar-reati li taghhom instab hati l-appellant hija dik kontemplata fis-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-imsemmi Kap. 101, u cioe` prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn tlett xhur izda mhux izjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux anqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn elf lira, jew dik il-prigunerija u multa flimkien; b'dan, pero`, li trattandosi ta' importazzjoni (ghalkemm ghall-uzu esklussiv ta' l-importatur) mhux applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 152 u tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali (ara l-proviso tas-subartikolu (1B) tal-Artikolu 22). Din il-Qorti taqbel ukoll ma' l-ewwel qorti meta dik il-qorti fissret li, bhala politika gudizzjarja, ir-regola ghandha tkun li "kull min jimporta illegalment droga permezz tas-servizz postali jaghmel dan fic-certezza li jekk [ser] jinqabad ser jiffaccja piena karcerarja proporzjonata izda effettiva". Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel qorti kienet korretta meta imponiet piena karcerarja f'dan il-kaz.

"Minkejja dan kollu, u biex zgur ma jithalla xejn barra li jista' jkun relevanti fil-kakolu tal-piena li ghandha tigi inflitta f'dan il-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tinkariga Ufficjal tal-*Probation* sabiex ihejji *pre-sentencing inquiry report*. Il-Qorti trid taghmilha cara lill-appellant li l-fatt li hija sejra tikkummissjona dana r-rapport ma jfissirx necessarjament li mhux ser ikun hemm piena karcerarja b'effett immedjat: il-Qorti semplicement qed thalli l-ftit *options* li ghandha miftuhin sa ma jkollha l-imsemmi rapport.";

Rat ir-rapport ta' l-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri minnha presentat u mahluf fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2001; ikkunsidrat ulterjorment dwar il-piena:

Kif diga inghad fis-sentenza preliminari, il-piena inflitta mill-ewwel qorti kienet wahda korretta; dik il-qorti anke esprimiet ruhha fuq politika gudizzjarja, f'kaz ta' l-uzu tas-servizz postali ghall-skopijiet ta' importazzjoni ta' droga, b'mod li din il-Qorti taqbel perfettament mieghu. F'dan il-kaz, pero`, wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa ir-rapport tal-imsemmija Ufficjal tal-*Probation*, u wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali altrimenti assolutament nadifa tal-hati, in-natura tad-droga involuta u l-ammont relattivament zghir (kwazi 7.5 grammi) (apparti, naturalment, il-fatt li tali mportazzjoni u pussess kienu ghall-uzu personali ossia esklussiv tal-hati, u li l-importazzjoni sehhet f'cirkostanzi li l-istess hati jammetti li kienu jammontaw ghal gennata) hi tal-fehma li ghandha izzomm il-piena ta'

prigunerija inflitta sospiza ghall-periodu massimu ta' erba' snin skond dak li jipprovdi l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Ghall-motivi premessi, tiddisponi finalment minn dana l-appell billi tordna li s-sentenza ta' tmien xhur prigunerija inflitta mill-ewwel qorti m'ghadhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba' snin mill-lum, il-hati Alexis Josef Mizzi jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilita` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti, matul il-periodu operattiv ta' erba' snin, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti fl-ahharnett tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghas-subartikolu (8) ta' l-Artukolu 28A imsemmi, kif ukoll ghall-ordni ta' l-ewwel qorti ghad-distruzzjoni tad-droga.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur